

"Ħarstek żomm fuq il-belt tagħna,
aħna wliedek Żebbuġin.
Qaddis kbir o kbir Ġużeppi,
bik ferm aħna ilkoll kburin."

# Surmastrijiet

*Gilbert Farrugia*

F'din ir-rokna tar-rivista annwali, sejrin nagħtu ħarsa lejn żewġ surmastrijiet li mexxew il-Banda De Rohan b'abbiltà kbira fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin.

## Orlando Crescimanno



Is-Surmast Orlando Crescimanno twieled l-Isla nhar it-13 ta' Frar tal-1861, propju mija u sittin sena ilu, bin Giovanni u Michelina xebba Bonnici. Kien iż-żgħir fost ħames aħwa. Sa minn tfulitu studja l-mużika taħt Giuseppe Wolgenshafer Malfiggiani u Antonio Nani u għal ħafna snin daqq il-vjola fl-orkestra tat-Teatru Rjal u mal-Kappelli Bugeja u Nani li kienu l-aqwa orkestri li jdoqqu fil-knejjes f'dawk iż-żminijiet.

Is-Surmast Orlando Crescimanno beda l-karriera tiegħu ta' surmast direttur tal-baned mal-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ f'Ottubru tal-1902, meta dderieġa programm mużikali fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ. Is-Surmast Crescimanno kien stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-aqwa surmastrijiet ta' dak iż-żmien. Ismu jibqa' magħruf għall-kapaċità, l-umiltà u l-paċenzja li kellu għat-tagħlim tal-mużika. Kemm dam mal-Banda De Rohan kien jagħmel kunċerti wieħed f'ieħor u programmi fuq programmi. F'kelma waħda għolla l-livell tal-Banda De Rohan u f'qasir żmien stabbilixxa l-banda bħala waħda mill-aqwa baned ta' Malta. Riżultat ta' dan, il-banda kienet qed tiġi mistiedna tesegwixxi programmi mużikali f'diversi festi madwar il-pajjiż. Il-Banda De Rohan damet taħt it-tmexxija

tas-Surmast Crescimanno sas-sena 1906.

Fl-1915 meta s-surmast attwali tal-Banda De Rohan għamel xi żmien indispost, id-dirigenti tas-Società Filarmonica Rohan kienu ħatru lil Orlando Crescimanno bħala surmast temporanju tal-Banda De Rohan.

Matul il-karriera tiegħu bħala surmast Orlando Crescimanno dderieġa erba' baned oħra barra dik ta' De Rohan. Dawn kienu l-Banda Unione ta' Ħal-Luqa (1904 – 1912), il-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbug (1920 – 1921), il-Banda Vilhena tal-Furjana (1920) u l-Banda Għawdxija Leone (1911 – 1923), li meta kien surmast tagħha għamel xi żmien joqgħod Għawdex.

Fost il-ħafna kompożizzjonijiet tas-surmast Orlando Crescimanno li għamel għal Banda De Rohan u li huwa ferm għal qalb il-Ġużeppini Żebbuġin, insibu l-innu l-Kbir ta' San Ġużepp, "Inno a San Giuseppe" li ndaqq għall-ewwel darba fil-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1903 akkumpanjat mill-kor tat-tfal. Dan kien l-ewwel innu kbir għall-Banda li kkompona s-surmast Crescimanno.



*Parti tal-Baxx tal-'Marcia Funebre' 'Lamento', ta' Orlando Crescimanno*

Kompożizzjonijiet oħra tas-Surmast Crescimanno huma l-Innu tal-Banda Rohan, La Stella d'Italia, Marcia Caratteristika – 10 Settembre, Valzer – Ma Belle, u għadd ta' marċi brijużi u oħrajn funebri li jinsabu fl-arkivju tas-Soċjetà. Fost kompożizzjonijiet oħra tiegħu nsibu l-operetta "Marchisa Nina", sinfoniji bħal "Premier", "Fini Concerti" u "Gli Eroi" u innijiet għal San Filep, Sant'Andrija u Santa Maria fis-Sema.

Is-Surmast Orlando Crescimanno miet il-Ħamrun fit-22 ta' Diċembru 1923, fl-età ta' 62 sena.



## Giuseppe Busuttil

Huwa doveruż li nsellmu lis-surmast Busuttil f'għeluq il-mija u ħamsa u għoxrin sena mit-twelid tiegħu.

Giuseppe Busuttil twieled ir-Rabat fit- 13 ta' Marzu 1896, minn ġenituri Żebbuġin, Carmelo u Marija Grazzja xebba Busuttil. Tgħammed l-għada fil-Katidral tal-Imdina. Ta' età żgħira tgħallem il-klarinett mal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Kompla l-istudji mużikali tiegħu għand is-Surmast Emanuel Spiteri, Band Master tar-Royal Malta Artillery, fejn qagħad għall-kors tal-armonija, kontrapunt u l-istrumentazzjoni. Għax kien imħarreġ tajjeb fl-arti mużikali u fid-direzzjoni, ta ruħu għat-tagħlim u d-direzzjoni tal-baned. Fl-età ta' 16-il sena daħal mas-servizz fir-Royal Malta Artillery. Wara żmien twil fis-servizz spiċċa Band Master tar-R.M.A.

Fl-14 ta' Novembru 1915, fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ iżżewweġ lil Francesca Farrugia minn Ħaż-Żebbuġ. Wara ż-żwieġ għamel żmien joqgħod Ħaż-Żebbuġ u aktar tard fl-1926 mar joqgħod Birkirkara.

Is-Surmast Ġużeppi Busuttil beda mal-Banda De Rohan bħala Assistent Surmast. Ta' 23 sena għamel l-ewwel impenn tiegħu. Fis-16 ta' Ġunju 1917, meta kien Assistent Surmast tal-Banda De Rohan, fin-nuqqas tas-Surmast Pacifico Scicluna, idderieġa programm mużikali mill-istess banda fil-Festa ta' Corpus fir-Rabat. Dan kien il-bidu tal-karriera tiegħu bħala surmast direttur tal-baned. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-karriera ta' surmast bdiha mal-Banda De Rohan.

Tul iż-żmien li s-surmast Busuttil għamel bħala assistent surmast mal-Banda De Rohan kien akkwista l-esperjenza neċessarja li aktar tard kienet swiet ta' għajnuna għalih. Is-surmast Ġużeppi Busuttil ħa uffiċjalment il-ħatra ta' Surmast Direttur tal-Banda De Rohan f'Jannar tal-1920 u dam f'din il-kariga sa Mejju tal-1926. Dak iż-żmien l-ammiraturi tal-Banda De Rohan kienu jħarsu lejh b'fiduċja għax raw li kien il-bniedem li kellu tant jirsisti u jissagrifika ruħu biex iżomm f'post għoli l-isem tal-Banda De Rohan. Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Busuttil, il-Banda De Rohan kienet tesegwixxi

programmi twal u ta' livell mużikali għoli, fosthom bċejjeċ klassiċi tant li kienet tkaxkar warajha bosta ammiraturi.

Tul-il-karriera tiegħu ta' surmast, Ġużeppi Busuttil kien surmast imfittex ħafna. Xhieda ta' dan kien l-għadd ta' baned li kellu taħt it-tmexxija tiegħu matul is-snin. Fl-1925 ħa t-tmexxija tal-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara li dam jidderiġiha għal 35 sena. Mal-Banda Pinto ta' Ħal Qormi, insibuh f'żewġ perjodi diffferenti: l-ewwel bejn l-1927 u l-1935 u t-tieni darba bejn 1943 u l-1951. Ukoll bejn l-1930 u l-1944 kellu taħt it-tmexxija tiegħu l-Banda Peace tan-Naxxar.



*Parti tal-Kornu Prim tal-marċ brijuż 'Festa a Città', ta' Giuseppe Busuttil*

Fl-1938, il-Bey ta' Tunes kien onora lis-Surmast Ġużeppi Busuttil bit-Titlu ta' Kavallier waqt żjara mill-Banda Sant'Elena f'Tuneż.

Is-Surmast Busuttil ikkompona għadd kbir ta' marċi brijużi kif ukoll marċi funebri. Fost l-aktar popolari magħna huwa l-marċ Sempre Avanti Rohan. Marċ ieħor popolari ma' ħafna baned u li huwa kompożizzjoni tiegħu huwa l-marċ tal-Qalba li kien kitbu għall-banda Pinto. Fl-arkivju tas-Soċjetà Każin San Ġużepp u Banda De Rohan nsibu għadd kbir ta' marċi u bċejjeċ ta' mużika oħra kompożizzjoni tas-Surmast Busuttil.

Is-Surmast Ġużeppi Busuttil miet il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 1960, fl-Isptar San Luqa fl-għomor ta' 64 sena. Il-Funeral tiegħu sar l-għada f'Birkirkara akkumpanjat miż-żewġ baned Karkariżi Sant'Elena u Duke of Connaught.